**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 38 / 2023 / 1**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Charles Gauci**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Charles Gauci detenur tal-karta tal-identita Maltija 255474 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal:

Talli nhar 27.9.22 ghall-habta ta' bejn 18:30hrs u 19:00hrs gewwa Triq l-Imghazel, Haz-Zebbug;

Ingurja jew hedded, jew għamel offiza fuq il-persuna ta' George Borg u Martin Edwards, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil- hiseb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi waqt l-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-16 ta' Jannar, 2023, fejn sabet lil Charles Gauci hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur minn dakinhar kif ukoll ikkundannatu ihallas multa ta'tmien mitt ewro. (€800).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Charles Gauci, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-31 ta' Jannar, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tħassar u tirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni fejn sabet lil-appellanti ħati tal-imputazzjoni fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta u tilliberah kompletament skont il-liġi.

Alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, joggħobha tħassarha f'dik il-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant Charles Gauci li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe`:

**A. L-Ewwel Aggravju: Karenza fis-sentenza appellata**

1. Illi l-appellanti jagħmel referenza għall-fatt li s-sentenza appellata mhux in konformi ma dak li jipprovdi l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta;

2. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha saħqet is-segwenti: Hati, liberat li 6m 22 Kap. 446. Apparti dan il-Qorti mmultat lill-appellanti l-multa fl- ammont ta' €800;

3. Illi bla ebda dubju din is-sentenza hija nieqsa mir-rekwiżiti neċessarji stabbiliti taħt l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u cioe' l-fatti li għalihom instab hati, il- piena stabbilita` u l-artikolu/i li jkun/u jikkontempla/w ir-reat. F'din l-istanza, l-appellanti jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ismijiet **<u>Il-Pulizija kontra Mario Agius</u>**[1], fejn l-istess Qorti ritenit is-segwenti:

In-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għan-nuqqas ta' formalita' sostanzjali.

4. Illi l-appellant jagħmel ukoll referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: **<u>Il-Pulizija kontra Brian Caruana</u>**[2], f'liema deċiżjoni l-Qorti riteniet is-segwenti:

Meta l-liġi ssemmi li l-Qorti "għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati", dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja - anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ - il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.

5. Illi gialadarba s-sentenza appellata hija nieqsa minn karenzi essenzjali skont l- Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, din l-Onorabbli Qorti tal-Appell għandha tannulla l-istess sentenza;

**<u>B. It-Tieni Aggravju: Provi mhux sal-grad rikjest mil-liġi</u>**

1. Illi bir-rispett, il-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mil-liġi għar-reat addebitat lill-appellanti u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-bogħod mill-piż tal-prova rikjest mil-liġi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali mingħajr dubju dettat mir-raġuni;

2. Illi dan iffisser li l-Prosekuzzjoni lanqas pruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest fil- kamp penali u dan qiegħed jingħad għar-rigward tal-ħtija tal-imputat li per konsegwenza hija waħda meqjusa bħala *unsafe and unsatisfactory*;

3. Illi l-Pulizija Eżekuttiva akkużaw lill-appellanti taħt l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan iffisser li b'dan l-agir 1-Enforcement Officers kienu meqjusa bħala uffiċjal pubbliku;

4. Illi għad-differenza mill-Pulizija, li jiffurmaw parti ntegarli mis-servizz pubbliku, dawk impjegati mal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta ma jiffurmawx parti mis-servizz pubbliku iżda parti mis-settur pubbliku. Id-distinzjoni hija tali, li għalkemm l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta tifforma parti mill-entitajiet tal-Gvern ta' Malta, hija għanda personalita legali distinta u għalhekk, kull minn jaħdem magħha huwa mpjegat mas-settur pubbliku u mhux mas-servizz pubbliku (public officer);

5. Illi dan iffisser li l-Enforcement Officers mhumiex impjegati tal-Gvern, iżda huma impjegati mal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u cioe' impjegat mas-settur pubbliku;

6. Illi gialadarba l-Prosekuzzjoni akkużat lill-appellanti b'artikolu tal-liġi li jittratta akkużi fuq uffiċjal pubbliku (public officer), il-Prosekuzzjoni kellha l-oneru li ġġib u tressaq kull prova li permezz tagħha tindika li l-Enforcement

Officers, George Borg u Martin Edwards huma meqjusa bħala uffiċjali pubblici;

7. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-provi producibbli mill-Prosekuzzjoni jqanqlu dubji serji kemm verament l-appelleanti hedded jew ingurja lill-Enforcement Officers;

8. Illi bir-rispett, iż-żewġ Enforcement Officer, lanqas kienu kapaċi jixhdu d-data ta' meta allegatament seħħ dan l-inċident, huma lanqas biss qablu ma xulxin, stante li lanqas biss qablu fuq id-dati, tant li wieħed minnhom xehed li kienet xi ġurnata f'Settembru;

9. Illi apparti li x-xhieda prinċipali ma qablux fuq id-data, hemm ukoll diskrepanza fuq il-ħin tal-allegat incident. Dan għaliex il-ħin fuq l-affidavit u l- hin fuq il-komparixxi lanqas biss jaqbel;

10. Illi bl-akbar rispett, meta wieħed jagħmel analizi bir-reqqa tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, wieħed jista' jasal għal konklużjoni li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha sal-grad li huwa rikjest fil-kamp kriminali.

**<u>C. It-tielet Aggravju: Dwar il-piena</u>**

1. Illi mingħajr pregudizzju għall-aggravji hawn fuq ċitati, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tichad dawn l-aggravji, l-appellanti umilment jissottometti li l-piena inflitta hija waħda eċċessiva tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, ossia li qiegħed jiġi kkontestat il-fatt li l-Enforcement Officers mhux meqjusa bħala uffiċjal pubbliku u għaldaqstant l-appellanti ma kellu qatt jiġi

akkużat b'reati taħt l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tal-20 ta' Lulju, 2023.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant qed jecepixxi in-nullita tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar is-16 ta' Jannar 2023 u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-Qorti ma segwitx id-dettami tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

L-**artikolu 382 tal-Kap 9** jipprovdi x'ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti u appuntu skond dan l-artikolu, il-Qorti ghandha issemmi is-segwenti:

(i) Il-fatti li tagħhom l-akkuzat ikun ġie misjub ħati;

(ii) Tagħti l-piena lill-hati u

(iii) Isemmi l-artikolu tal-kodici jew kull reat iehor li johloq ir-reat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Azzopardi et**[1] il-Qorti irriteniet li:-

*"Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed ir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'"*.

Jinghad ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Agius**[2], gie ritenutli:-

[1] Vol.LXXXIII.1999 Part IV paġina 340
[2] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-3 ta Frar 1995.

*"in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali".*

Dawn ir-rekwiziti huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk u sabiex sentenza tigi dikjarata nulla m'hemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwizit izda jekk jirrizulta li hemm nuqqas f'wiehed minn dawn ir-rekwiziti dan ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tigi ddikjarata nulla. Ghalhekk peress li dawn iz-zewg rekwiziti msemmija fl-**artikolu 382** ghandhom ikun prezenti f'kull decisjoni tal-Qorti, in-nuqqas ta' wahda minnhom, jammonta ghan-nuqqas ta' formalita' fis-sustanza u konsegwentement iwassal ghan-nullita tas-sentenza

Tibda billi ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Carmel Polidano'**[3]fejn gie kkunsidrat:

'Jigifieri għall-validita` huwa sufficjenti illi sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati ssemmi l-fatti (ossia l-imputazzjonijiet) li tagħhom persuna tkun instabet ħatja, il-piena u l-artikoli li jikkontempaw ir- reati li tagħhom persuna tkun instabet ħatja. Minn dan l-Ewwel Qorti ma tippekkax fis-sentenza appellata peress illi tikkontjeni dawn l-elementi kollha.

Minn dan l- Ewwel Qorti ma tippekkax fis-sentenza appellata peress illi tikkontjeni dawn l-elementi kollha. Imbagħad l-**artikolu 662(2)** jipprovdi: *"Kull decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tigi deciza kwistjoni ta' ligi, għandu jkun fiha qabel kollox ir-ragunijiet li jkunu wasslu l-Qorti għal dik id-decizjoni".*

Jigifieri sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li ma ssemmix ir-ragunijiet li wassluha għad-decizjoni tagħha ma titqiesx nulla.

Naturalment huwa dejjem rakkomandabbli li jissemmew almenu minimu ta' ragunijiet, izda n-nuqqas tagħhom ma jwassalx għan-nullita` tas-sentenza.'

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Dicembru, 2013 (Appell Kriminali Numru. 338/2013)

Sentenza li tikkjarifika dak li l-legislatur ried ifisser bil-kelma '*fatti*' fl-**artikolu 382** tal-**Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta hija dik fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Elton Abela[4]'**:

*'Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi ghalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi l-appellant, il-fatti li jiggustifikaw il- kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma effettivament elenkati fil-bidu nett. L- ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex telenka l-artikoli tal- ligi relattivi ghal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu hati wara li qalet li kienet semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id-dokumenti esibiti. Dak li kellha f'mohha l-ewwel Qorti huwa car, cioe` li kienet qed issib il-htija ghall- imputazzjonijiet kollha peress li ma ghamlet l-ebda kwalifika, u wiehed m'ghandux ghalfejn janalizza s-sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant hati. Certament kien ikun deziderabbli li kieku l-ewwel Qorti ziedet il-kliem "ta' l- imputazzjonijiet kollha" wara l-kelma "hati".'*

Referenza ukoll f'dan ir-rigward hija lejn is-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Paul Chetcuti Caruana**[5] fejn inghad li:-

*Jibda biex jinghad illi l-appellant tressaq il-Qorti fuq procedura sommarja fid-distrett tal-Mosta f'liema kaz allura l-Qorti tal-Magistrati biex tissodisfa l-vot tal-ligi kien ikun bizzejjed li taghmel riferenza ghall-fatti kif esposti fic-citazzjoni, tindika l-artikoli tal-ligi u taghmel id-dikjarazzjoni ta' htija o meno u jekk ikun il-kaz, il-piena. M'ghandhiex ghalfejn terga' tirrepeti b'mod aktar dettaljat il-fatti kif jidhru fil-bidu tac-citazzjoni peress illi jekk ippruvati, l-Qorti tista' taghmel pjena riferenza ghalihom u xejn aktar*

Dan iwassal lil din il-Qorti tesamina s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti sabiex tara jekk dak li qed jillamenta minnu l-appellant hux minnu u fit-tieni lok jekk tali aggravju iggibx in-nullita tas-sentenza kif qed jintalab minnu.

Illi din il-Qorti ghalhekk ghaddiet biex tesamina s-sentenza moghtija u jinghad li fil-parti tal-bidu taghha l-Qorti ticcita l-akkuza li inghatat mill-

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Jannar, 2005 (Appell Kriminali Numru. 194/2004)
[5] Appell Kriminali deciz 19 ta' Frar 2014

prosekuzzjoni fil-konfront tal-appellant u cioe` dik li huwa ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' George Borg u Martin Edwards, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jghamlu ix-xoghol taghhom jew bil-hsieb li bezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi waqt l-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. Rat ukoll li fid-decide tas-sentenza l-ewwel 1qorti stqarret is-segwenti:-

> *"Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 95 tal-Kapitolu tal-ligijiet ta' Malta issib lil Charles Gauci hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-illum kif ukoll multa ta' tmien ( €800)…."*

Ili ghalhekk fid-dawl tal-ispjega moghtija aktar 'l fuq jirrizulta bic-car li l-elementi rikjesti fl-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti. Jinghad li spjegat il-fatti li tagħhom l-akkuzat ikun ġie misjub ħati u dan billi ghamlet referenza ghall-unika imputazzjoni, ghamlet dikajrazzjoni ta' htija u ghalhekk ghal din l-unika imputazzjoni, iccitat l-artikolu tal-ligi u cioe` l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u applikat *conditional discharge* u kundanna ta' multa ta' tmien mitt euro (€800). Huwa minnu li l-kliem uzati mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-multa inflitta m'humiex daqstant felici u cioe` meta qalet "….*kif ukoll multa ta' tmien ( €800)'* cio nonnostante u cioe` minkejja li l-ewwel Qorti ma uzatx il-kelma ' *tikkundanna*' huwa mifhum fis-sentenza li dak kien l-intendiment taghha meta uzat ukoll il-kliem 'kif ukoll' wara li applikat *conditional discharge.* Huwa minnu ukoll ghaliex l-ewwel Qorti waqfet mal-kelma *'tmien'* u ma qalitx *'mitt euro'* pero huwa car mid denominazzjoni ta' €800 li dik hija il-multa li giet inflitta mill-ewwel qorti.

Konsegwentement l-ewwel aggravju tan-nullita qed jigi michud

Illi fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jilmenta li l-prosekuzzjoni naqset li iggib prova li George Borg u Martin Edwards huma fil-fatt ufficcjali pubblici Jispjega li dawn iz-zewg min-nies huma impjegati fis-settur pubbliku u mhux impjegati mas-servizz pubbliku (public officer). Ghalhekk sostna li stante li r-

reat ta' oltragg jesigi li l-vittma ghandu ikun ufficcjal pubbliku l-akkuzat ma setax jinstab hati ta' dan ir-reat.

L-**Artikolu 41** tal-**Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Kapitolu 499** tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi:

> *41.Il-membri tal-Awtorità, il-membri tal-Kumitati ta' Tmexxija u l-uffiċjali u l-impjegati kollha tal-Awtorità għandhom jitqiesu li huma uffiċjali u impjegati pubbliċi skont it-tifsira tal-Kodiċi Kriminali.*

Ghalhekk Martin Edwards u George Borg ghandhom jitqiesu li huma ufficcjali pubblici, stante li jahdmu fit-Transport Malta ai termini tal-artikolu **Artikolu 41** tal-**Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Kapitolu 499** tal-Ligijiet ta' Malta. Vide f'dan ir-rigward is-sentenza moghtija fl-ismijiet **il-pulizija vs Aden Christian Fenech**[6]

Iktar rilevanti minn hekk l-Artikolu 7 tal-Att jgħid:

> *7.Bla ħsara għas-setgħat u l-funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità skont l-artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet segwenti, speċifikament fir-rigward ta' toroq u ferroviji u t-trasport stradali u ferrovjarju:*
>
> *(a) li tirregola t-trasport stradali, ir-reġistrazzjoni, il-liċenzjar u l-użu ta' vetturi, il-liċenzjar tal-operati kummerċjali kollha relatati mat-trasport stradali, u li tipprovdi għal kwalunkwe kwistjoni regolata minn dan l-Att b'rabta mat-trasport stradali*
>
> *(b) li tagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha li jistgħu jkunu meħtieġa għar-regolament, immaniġġar, sigurtà u kontroll tat-traffiku stradali, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll lokali u għal dan il-għan li tadotta strateġiji u standards li għandhom valur referenzjarju Ewropew;*

Imbagħad fl-Ewwel Skeda fost id-Direttorati tal-Awtorità hemm dak tal-infurzar:

---

6 DEciza l-1 ta Marzu 2022 mill-qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudatktura Kriminali.

*7. Direttorat għall-Infurzar – li jkollu r-responsabbiltà għall-infurzar ġenerali tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe liġijiet u regolamenti li jirregolaw it-trasport bit-triq, bil-baħar u bl-ajru, inkluż b'mod partikolari l-immaniġġar tat-traffiku ul-promozzjoni tas-sigurtà tat-traffiku.*

Ghalhekk ma hemmx dubbju li Edwards u Gauci kienu qed jaghmlu x-xoghol taghhom *qua* ufficcjali pubblici meta gew aggrediti mill-appellant u ghalhekk din il-Qorti tiddikjara bla tlaqliq li impjegati ta' Transport Malta ghandhom jigu kkunsidrati bhala ufficcjali pubblici ai fini tar-reat in desamina u cioe` dak ta' oltragg.

Fit-tieni aggravju l-appellant jistqarr ukoll li l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi u cioe` dak tac-certezza morali jew ahjar minghajr dubbju dettat mir-raguni.Illi sabiex din il-Qorti tittratta ma eccezzjoni ta' dan it-tip trid tesamina l-provi kollha imressqa mill-partijiet. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[7]

[7] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili,** 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003**; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004**, Il-Pulizija v.**

Illi **PC 2447 J Sciberras Caruana** xehed permezz ta affidavit u stqarr li nhar is-27 ta Settembru 2022 kien dettaljat xoghol l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zebbug (Night duty) bejn is-18.00 u 06.00a.m. Ghall-habta ta' 18.30p.m ircevew telefonata miill-ghassa ta' Hal Qormi fejn spjegaw li hemm zewgt ufficcjali tat-Transport Malta li kellhom bzonn l-assistenza tal-pulizija.

Huwa flimkien ma' PC 2078 marru fuq il-post u cioe` Triq l-Imghazel, Haz Zebbug fejn hemmhekk lemah zewgt ufficcjal ta' Transport Malta mal-bidu tat-triq li kienu qed jikkontrollaw l-vetturi milli jidhlu ONE WAY.

Huwa flimkien ma' PC 2078 tkelmu mal-ufficcjali tat-Transport Malta cioe` Martin Edwards u George Borg, fejn dawn stqarrew mieghu li kienu ghaddejjin bil-hidma taghhom meta kellhom kwistjoni ma' Emmanuel Farrugia fejn dan beda iwaqqaf il-vetturi jidhlu ONE WAY sabiex ma jigux imharrka minn l-ufficcjali ta' Transport Malta. Wara Emanuel affronta lill-ufficcjal Edwards u qallu '*miskom tisthu tharrku nies wara gurnata xoghol'*. Hekk kif l-ufficjal Edwards tkellem ma' Emaanuel u qallu '*ma jistax jintrometti ruhu fuq ufficcjal ta' Transport Malta mill-hadmiet tieghu*.'

L-ufficcjal Edwards zied jghid li mal-hin hareg Charles Gauci fejn dan avvicinah u heddu bil-kliem '*nigi jiena u inti ngholl ik m'Alla u nara x'nghamillek lilek'*. L-ufficcjal Edwards talab lil Charles sabiex jghaddilu l-karta ta' identita` tieghu, izda Charles irrifjuta li jaghti dettalji tieghu ukoll lill-istess ufficcjal. Huwa iccekja jekk kienx hemm CCTV camera li jistghu jkunu ta' ghajnuna izda dan irrizulta fin-negattiv.

Charles Gauci gie mitkellem l-ghassa u wara li inghata d-drittijiet tieghu dan irrifjuta li jitkellem kif *del resto* kellu kull dritt.

**PC 2078 L. Azzopardi** xehed permezz ta' affidavit u kkonferma li nhar is-27 ta' Settembru 2022 huwa flimkien ma' PC 2447 J Sciberras kienu dettaljata l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zebbug (night duty) bejn is-6.00p.m u is-6.00 a.m.

---

**Anthony Bartolo,** 6 ta' Mejju 2004**; Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Ghall-habta ta' 18.30 p.m. ircevew telefonata minn l-ghassa ta Hal Qormi fejn spejgaw li hemm zewg ufficcjali ta' Transport Malta u ghandhom bzonn l-assistenza tal-pulizija. Huwa flimkien ma' PC 2447 marru fuq il-post gewwa Triq l-Imghazel, Haz Zebbug, fejn lemhu zewg ufficcjali ta' Transport Malta mal-bidu tat-triq li kienu qed jikkonrollaw il-vetturi milli jidhlu ONE WAY.

Fuq il-post tkellem mal-ufficjali, Martin Edwards u George Borg fejn stqarrew mieghu li waqt il-hidmiet taghhom kellhom kwistjoni ma Emanuel Farrugia fejn dan beda iwaqqaf l-vetturi milli jidhlu ONE WAY sabiex ma jigux imharka minnhom stess. Wara ftit tal-hin is-sur Edwards affronta lill-ufficcjal Edwards u qallu '*misskom tisthu tharrku nies wara gurnata xoghol*' hekk kif l-ufficcjal Edwards tkellem ma Emanuel u qallu '*ma jistax jintrometti ruhu fuq ufficcjal ta' Transport Malta mill-hidmiet tieghu.*' L-ufficjal Edwards ried jghid li mal hin hareg Charles Gauci fejn dan avvicinah u heddu bil-kliem '*nigi jiena u nti nghollik m'Alla u nara n'ghamillek lilek.*' L-ufficcjal Edwards talab lil Charles sabiex iforni l-karta tal-identita` tieghu izda s-Sur Charles irrifjuta dan u li jaghti dettalji tieghu ukoll lill-istess ufficcjal. Osserva li fl-*area* ta' fejn sehh l-incident ma hemm ebda CCTV.

Huwa kellem lil Charles Gauci gewwa l-ghassa tal-pulizija fejn tah is-solita twissija u d-dritt ta' silenzju u dan Gauci ghogbu jibqa' siket kif *del resto* kellu kull dritt.

**Martin Edwards** xehed nhar is-16 ta' Mejju 2023 u spjega li jahdem bhala Enforcement Officer mat Transport Malta u kien xoghol u mill-*control room* tat-Transport Malta gie mibghut fi Triq l-Imghazel, Haz Zebbug. Hemmhekk sab li kien hemm hafna karozzi li kienu dehlin ONE WAY. F'daqqa u l-hin ra zewg persuni li ma kellux l-identita` taghhom jirriversjaw il-vetturi gewwa l-*main road* u b'hekk setghu joholqu incident u mar ikellimhom. Wara dan hareg persuna minn go garaxx u mar jghajjat f'wiccu u beda jghidlu '*taf x'naghmillek?*' u '*nghollik m'Alla*'. Kellu jghajjat ghall-assistenza tal-pulizija. Mistoqsi ghaliex ghamillu hekk jghid li huwa kien qed ikellem l-persuna l-ohra li bdiet tgholli lehinha u dan hareg u qallu '*ejja hudha mieghi mhux ma' dak*'. Dan gie qallu id-diskors u talab l-assistenza tal-pulizija. Mistoqsi jekk jgharafx lil din il-persuna li bdiet tgholli lehinha jghid li jgharafha u indika lill-

akkuzat. Qal li dan mar ma wiccu u beda jghaqqad il-ponnu jghid *'taf x'nghamillek'* u *'nghollik m'Alla*. Mistoqsi jiftakarx id-data jghid li jahseb li kien f'xi Settembru. Jghid li dan hu l-unika incident li kellu ma' l-akkuzat.

In kontro-esami gie suggerit li kien hu li hebb ghal Gauci jghid li mhux minnu. Jghid li mhux minnu li kien qed jargumenta ma' Farrugia ghaliex fil-fatt lanqas jaf min hu u lanqas dettalji tieghu ma ghandu. Id-dettalji tal-akkuzat ghandu ghaliex gabhom mir-rapport tal-pulizija. Jghid li Gauci kien hareg minn xi proprjeta` vicin meta mar u qallu dan id-diskors. Mistoqsi jekk ma kienx minnu li l-akkuzat qallu dan id-diskors izda kien mar ikellmu ghaliex kien imqabbad mas-sur Farrugia li huwa bniedem anzjan jghid li mhux minnu. Mistoqsi jekk qalx xi kliem lil Gauci meta dan mar hdejh jghid iva u jirrepeti li qallu biex ma jintrometttix fix-xoghol taghhom ta' Transport Malta u dan ghaliex beda jwaqqaf zewg ufficcjali milli jaghmlu xoghlhom.

**George Borg** xehed nhar is-26 ta' Jannar 2023 u kkonferma li nhar is-27 ta' Settembru, 2022 ghall-habta tas-6.30p.m., huwa flimkien mal-kollega tieghu 404 kienu fi Triq l-Imghazel u gew imsejha mill-*control room* ta' Transport Malta u gew mgharfa li kien hemm vetturi li qeghdin jidhlu *wrong side* u talbuhom biex imorru jezercitaw u cioe` iharku min kien qed jidhol *wrong side*. Hin minnhom kien hemm tnejn minn nies li bdew jilqghu il-karozzi fit-tarf tat-triq u jirriversjawhom 'l barra gol-*main road*. Dan kien ta' perikoli ghal-vetturi li kienu telghajn fil-*main road.* Il-habib tieghu kollega 404 mar ikellimhom u f'salt wiehed sema' kommossjoni, telaq jigri minn fejn kien ghaliex kien naqra 'l boghod minnu u sakemm kien qed jimxi fuq il-bankina sema 'l xi hadd jghid lill-kollega tieghu *'ma' dak qed tohodha'*. *Qallu 'ejja hudha mieghi'*. Qallu *'Jien taf x'nghammilek, nghollik ma' Alla.''*

Mistoqsi jaghrafx lil din il-persuna jghid li jgharfu u indika lill-akkuzat, llum appellant. Naturalment jghid li wara sejhu lill-pulizija u talbu l-asistenza. Mistqosi in kontro esami fejn kien mea sehh l-incident jghid li ghall-ewwel kien xi 20metru 'l boghodmill-kollega tieghu fl-istess triq. Jghid li is-Sur Edwards kien mar ikellem lil dawn il-persuni ghaliex kienu qed jirriversjaw il-karozzi b'lura biex idawruhom biex ma jidhlux fejn kienu huma. Jghid li appena sema' l-kommossjoni telaq jigri . Kienu xis-18.00p.m. Jikkonferma li

kien is-sur Gauci li sema' jghajjat mal-kollega tieghu. Jghid li s-sur Gauci dakinhar hareg mill-garage tieghu.

**Charles Gauci,** l-appellant xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar is-16 ta' Jannar, 2023 u jikkonferma li dan l-incident sehh fis-16 tax-xahar ta' Settembru.

Jigi imfakkar li din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati, meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[8]

intqal:-

> *kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel*

---

[8] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk ilverdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju IrRepubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994)

*Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha[9]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-

[9] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-rtikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi[10]

F'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni ressqet lil George Borg u Martin Edwards, Enforcement Officers ma' Transport Malta u dawn spjegaw kif l-appellant George Gauci qabad u ghal b'xejn xejn hareg mill-garage tieghu u beda jindahal fix-xoghol taghhom billi dawn bdew jaghtu struzzjonijiet lill-vetturi biex ma jidhux *one way*. Mhux hekk biss izda l-appellant gholla lehnu u hedded lil Edwards bili qallu ' *nigi jiena u inti nghollik m'Alla u nara x'naghmillek lilek*' qallu ukoll kliem bhal '*ejja hudha mieghu u mhux ma' dak*' (b'referenza ghal min kien qed iwaqqaf)' George Borg jikkonferma li dan id-diskors intqal lilu mill-appellant. George Borg pero` ma jghidx lil l-appellant lilu kelmu b'xi mod mhux idoneju.

Ghalhekk ma hemmx dubbju li r-reat sehh fil-konfront tal-ufficcjal Martin Edwards u mhux fir-rigward tal-ufficcjal George Borg, kuntrarjament kif stqarret l-ewwel Qorti.

---

10 Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Dwar l-aggravju tal-piena sollevat mill-appellant jinghad li kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju *ormai* stabbilit li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** [11]:

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when Paġna 3 minn 5 taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra): "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-25 t'Awissu 2005

*to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2 This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**[12], din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l- emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita` tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita` jew eċċessivita` manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Diċembru 2005

fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Illi fil-kaz odjern l-appellant qed jinstab hati tar-reat ta' oltragg u skond l-artikolu 95 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malata f'kaz ta' htija ta' dan ir-reat il-piena ghandha tkun ghal multa mhux inqas minn tmien mitt euro ( €800) u mhux izjed minn €5,000 kif ukoll il-piena stabilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza meta jsiru minghajr ic-cirkostanzi imsemmija f'dan l-artikolu mizjuda b'zewg gradi.

Ili fil-kaz odjern l-ewwel Qorti wara li iddikajrat lill-appellant hati tar-reat ta' oltragg illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sitt xhur minn dak in-nhar tas-sentenza u ghal hlas ta' multa ta' tmien mitt euro (€800), ghalhekk proprju il-minimu li setghet terroga bhala piena. L-appellant ma ressaq l-ebda raguni valida 'l ghaliex din il-Qorti ghandha tiddipartixxi mill piena moghtija u ghalhekk wara li tiddikjara li qed issibu hati tar-reat ta' otragg fil-konfront tal-ufficcjal pubbliku Martin Edwards, qeghda tikkonferma il-piena moghtija mill-ewwel Qorti, pero' qeghda timmodifika s-sentenza moghtija mill-ewwel qorti billi tiddikjara li mhux qed issibu hati tar-reat ta' oltragg fil-konfront tal-ufficcjal George Borg, minn liema parti tal-akkuza qed tilliberah.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur